MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1144/2001/1

**Michelle Coleiro**

**vs**

**Charles Coleiro**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta' Gunju 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-3 ta' Novembru 1990, meta l-attrici kellha ghoxrin sena u l-konvenut kellu ghoxrin sena wkoll (Dok "A").

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, ingurji gravi u ngann da parti tal-konvenut.

Illi l-kontendenti ghandhom zewgt itfal minuri cjoe', Elkier u Matthew, ahwa Coleiro, illi ghandhom disa' snin u seba' snin rispettivament (Dok "B" u Dok "C").

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Dicembru 2000 (Dok "D").

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-**artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16)** tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti Elkier u Matthew ahwa Coleiro tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti u taht sorveljanza ta' persuni idoneji *stante* l-mard tal-konvenut.

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat min din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq mill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).**

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, *inter alia*, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundannna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici, kif *del resto* gja' taghmel *de facto* ghal dawn l-ahhar erba' snin.

9. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubitha, ossija Muscat.

10. Tawtorizza lill-attrici illi tiregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 19 tal-process;

Rat l-affidavit tal-attrici datat 24 ta’ Mejju 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-25 ta’ Jannar 2002 a fol. 26 fejn gie eccepit:-

1. Illi ghar-rigward it-talba ghas-separazzjoni jikkondividi t-talba ghas-separazzjoni *stante* l-agir irresponsabbli tal-istess attrici li qed tipprova titfa’ l-htija fuqu meta m’ghandu ebda tort u l-istess attrici taf li l-attur minn dejjem kien responsabbli fil-konfront taghha u l-familja tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort tal-istess attrici fejn hemm kaz car t’adulterju liema agir kienet ilha qed tippersisti fuqu minn meta l-partijiet kienu jghixu flimkien *ad insaputa* tal-istess konvenut li sar jaf mal-milja taz-zmien.

3. Illi wiehed ghandu jikkonsidra l-eccessi, sevizzi, minacci u l-agir irresponsabbli ta’ l-istess attrici li qed tipprova tahrab minn din ir-responsabbilta’ u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

4. Illi l-esponent mhux biss jaqbel illi ghandu jkun hemm separazzjoni *stante* li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment imma dan ghandu jsir ghall-ahjar interess tat-tfal peress li l-attrici ma rieditx tasal b’mod bonarju u fi stadju aktar kmieni minhabba l-atteggjament taghha/kilba ghall-flus fejn tinqeda bit-tfal u qed iccahhad lill-esponent milli jara lit-tfal biex tattakka lill-esponent. Illi f’dan ir-rigward l-esponent ghandu jigi moghti l-kura u kustodja tat-tfal.

5. Illi l-attrici qabdet triq ta’ malafama fil-konfront tal-esponent purament biex taghmel pressjoni fuqu biex icedi favuriha meta hi l-kawza pura u semplici tad-dizgwit enormi bej il-partijiet.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 27 u 28 tal-process.

Rat il-verbali tal-4 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; tal-10 t'April 2002 fejn l-attrici tat ruhha b'notifikata bl-avviz tal-appuntament tal-kawza. Inghata digriet tal-affidavits lill-attrici sabiex tipprezenta l-affidavits taghha fi zmien hamsin gurnata; tat-12 ta' Gunju 2002; tal-14 ta' Gunju 2002 fejn xehed Dr. John Mifsud. Inghata digriet affidavit lill-konvenut sabiex jipprezenta l-affidavits tieghu fi zmien hamsin gurnata jibdew mill-14 ta' Lulju 2002; u tal-20 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistenta Gudizzjarja sabiex tiffissa zewg seduti biex jinghalqu l-provi.

Rat ix-xhieda ta' Dr. John Mifsud datata 14 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota tal-konvenut tas-27 ta' Novembru 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 7 ta' Frar 2003 fejn talab l-awtorizzazzjoni sabiex tigi ffissata seduta ohra sabiex jaghlaq il-provi tieghu.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-11 ta' Frar 2003 fejn iddegretat li ser tipprovi *seduta stante*.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Frar 2003 fejn l-attrici ddikjarat li mhix tesigi manteniment mill-konvenut. Il-Qorti nnutat li s-seduti mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjarja ma gewz utilizzati kif suppost. Il-partijiet qablu li t-tfal ilhom ma jaraw lil missierhom ghal dawn madwar seba' snin. Il-konvenut iddkjara li tul dan l-istess perjodu hadem biss ghal sena, ma mantniex lil uliedu, pero' lest li jmantnihom appena jibda jahdem. Il-Qorti ssuggeriet lill-partijiet sabiex jiftehmu fuq access. Il-partijiet iddikjaraw li m'ghandhom ebda pretensjoni dwar il-komunjoni tal-akkwisti, u li m'ghandhomx provi aktar; tat-13 ta' Marzu 2003 fejn il-partijiet iddikjaraw li waslu fi ftehim fuq access

u li l-konvenut ghandu jirredigi minuta li tirrispekkja dan il-ftehim; tat-3 t'April 2003 fejn il-Qorti giet infurmata li tranzazzjoni ma sehhitx; u tal-15 ta' Mejju 2003 fejn fuq talba tad-difensuri l-Qorti ppreggiet terminu ta' hamsin (50) gurnata lill-attrici biex tipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu wkoll l-istes terminu biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 26 ta' Frar 2004.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet u jidher li l-unika persuni li xehdu kienu biss il-partijiet u Dr. John Mifsud dwar il-kura li kien ircieva l-istess konvenut; ma hemm l-ebda dubju li l-istess zwieg sfaxxa ghal kollox u jidher ukoll li hemm antagonizmu sostanzjali bejn il-partijiet, fejn jidher li l-ulied sofrew intortament minhabba l-agir tal-kontendenti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut huwa hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, eccessi, ingurji gravi, abbandun tal-familja, u wkoll adulterju, fejn l-attrici allegat li l-istess konvenut qed jghix ma' mara ohra, u fil-fatt ghandu tifla jisimha Jasmine minn din ir-relazzjoni. Dan l-ahhar fatt ma huwiex kontestat mill-konvenut, almenu fl-affidavit tieghu ma jghid xejn dwar dan. Minflok huwa jallega li l-attrici hija hatja ta' adulterju, izda provi dwar dan ma hemm xejn, u ghalhekk din il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi b'konsegwenza tal-istess it-tieni talba ghandha wkoll tigi milqugha peress li z-zewgt partijiet gja' jghixu separatament minn xulxin.

Illi l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri Elkier u Matthew qed tigi fdata f'idejn l-attrici anke peress li hija kienet li hadet hsiebhom meta l-istess konvenut abbanduna d-dar konjugali, b'dan pero' li l-konvenut ghandu jkollu dritt ta' access ghall-minuri darba fil-gimgha, kull nhar ta' Erbgha fl-Agenzija Appogg, taht is-supervizjoni ta' *social worker* mill-istess Agenzija, bejn l-4:00 p.m. u l-5:00 p.m. u tali supervizjoni tkun taht id-direzzjoni ta' Therese Micallef mill-istess Agenzija. Il-Qorti tordna notifika ta' kopja legali ta' din is-sentenza a spejjez attrici lill-istess Agenzija Appogg.

Illi peress li ma ngabitx l-ebda prova dwar l-introjtu tal-konvenut, filwaqt li din il-Qorti tafferma d-dritt tal-attrici u tal-minuri li jigu mantnuti mill-istess konvenut, hija ma hijiex fil-pozizzjoni li tillikwida retta alimentari ghall-istess, anke minhabba nuqqas ta' provi, salv id-dritt tal-attrici u l-minuri li jvantaw tali dritt fil-futur jekk ic-cirkostanzi jinbidlu u l-konvenut jkollu mpjieg jew attivita' bi qliegh.

Illi l-hames talba ghandha tigi milqugha u din il-Qorti tapplika l-provvedimenti tal-**artikolu 48** *in toto* kontra l-konvenut u favur l-attrici, b'dan li d-data meta l-konvenut qed jinzamm li kien responsabbli ghall-firda hija dik ta' Lulju 1997.

Illi s-sittt talba ghandha tigi milqugha u din il-Qorti tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti b'effett minn Lulju 1997; Dwar id-divizjoni tal-istess u b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16 kontra l-konvenut,** din il-Qorti tassenja l-kera tal-fond Flat 8, Block 1, Triq il-Fosos il-Furjana lill-attrici b'dan li l-kera tal-istess ghandha tghajjat esklussivament lill-istess u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotfika kopja legali ta' din is-sentenza lil sid il-kera d-Dipartiment tad-Djar, sabiex l-istess dipartiment jaderixxi ruhu mal-istess u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; illi l-mobbli kollha li hemm fl-istess fond, inkuzi l-kamra tas-sodda, u kamra tat-tfal, u l-oggetti kollha ndikati fil-lista tal-attrici esebita b'nota tad-29 ta' Jannar 2003 u mmarkata bhala Dok. "MCD" a fol. 62 tal-process qed jigu assenjati lill-attrici, b'applikazzjoni wkoll tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16 kontra l-konvenut.** Illi

ghall-korrettezza jigi ndikat li l-konvenut ma vanta ebda pretensjoni fuq l-istess.

Illi s-seba’ talba ghandha tigi michuda *stante* li ma ngabet l-ebda prova dwar l-istess; filwaqt li t-tmien (8), id-disa’ (9) u l-ghaxar talba attrici ghandhom lkoll jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, u filwaqt li **tichad is-seba’ (7) talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici kollha** u dan biss fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u tddikjara li l-konvenut huwa hati *verso* l-attrici ta’ sevizzi, eccessi, ingurji gravi, abbandun tal-familja, u wkoll adulterju, u ghal-finijiet tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kodici Civili (Kap 16)** tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda bhala dik ta’ Lulju 1997.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti Elkier u Matthew ahwa Coleiro tigi fdata lill-attrici b’dan pero’ li l-konvenut ghandu jkollu dritt ta’ access ghal minuri darba fil-gimgha, kull nhar ta’ Erbgha fl-Agenzija Appogg, taht is-supervizjoni ta’ *social worker* mill-istess Agenzija, bejn l-4:00 p.m. u l-5:00 p.m. u tali supervizjoni tkun taht id-direzzjoni ta’ Therese Micallef mill-istess Agenzija. Il-Qorti tordna notifika ta’ kopja legali ta’ din is-sentenza a spejjez attrici lill-istess Agenzija Appogg.

4. Tilqa’ r-raba’ talba biss fis-sens li din il-Qorti tafferma d-dritt tal-attrici u tal-minuri li jigu mantnuti mill-istess

konvenut, izda din il-Qorti ma hijiex illum fil-pozizzjoni li tillikwida retta alimentari ghall-istess, anke minhabba li mill-provi jirrizulta li l-konvenut huwa disokkupat, salv id-dritt tal-attrici u l-minuri li jvantaw tali dritt fil-futur jekk ic-cirkostanzi jinbidlu u l-konvenut jkollu mpjieg jew attivita' bi qliegh.

5. Tapplika kontra l-konvenut interament, id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).**

6. Tilqa' s-sitt talba attrici b'dan li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett minn Lulju 1997, u b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16 kontra l-konvenut,** din il-Qorti tassenja l-kera tal-fond Flat 8, Block 1, Triq il-Fosos il-Furjana lill-attrici b'dan li l-kera tal-istess ghandha tghajjat esklussivament lill-istess attrici u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lis-sid il-kera, id-Dipartiment tad-Djar, sabiex l-istess dipartiment jaderixxi ruhu mal-istess u ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; illi l-mobbli kollha li hemm fl-istess fond, inkuzi l-kamra tas-sodda, u kamra tat-tfal, u l-oggetti kollha ndikati fil-lista tal-attrici esebita b'nota tad-29 ta' Jannar 2003 u mmarkata bhala Dok. "MCD" a fol. 62 tal-process qed jigu assenjati lill-attrici, b'applikazzjoni wkoll tal-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16** kontra l-konvenut**.**

7. Tichad is-seba' talba *stante* nuqqas ta' provi.

8. Tilqa' t-tmien (8) talba u tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici u mill-minuri, kif *del resto* gja' taghmel *de facto* ghal dawn l-ahhar erba' snin.

9. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubitha, ossia Muscat.

10. Tawtorizza lill-attrici illi tiregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------